Ministeru għall-Finanzi

# Diskors tal-Baġit

# 2013


L-Onor. Edward Scicluna
Ministru għall-Finanzi
Malta

8 ta' April, 2013

Ippublikat mill-
Ministeru għall-Finanzi
Triq in-Nofs in-Nhar,
Il-Belt,
Valletta

Tel.: (+356) 21 24 96 40
Website: http://www.mfin.gov.mt

**Cataloguing-in-Publication Data**

**Malta.** *Ministry for Finance*
Diskors tal-Baġit, 2013 / Edward Scicluna.
Valletta : Ministeru għall-Finanzi, 2013

25p. ; 24cm.

ISBN: 978-99932-94-69-6

1. Budget – Malta
I. Title II. Edward Scicluna

352.494585013

Din il-Publikazzjoni tista' tinxtara mid-

Dipartiment tal-Informazzjoni
3, Castille Place
Il-Belt,
Valletta

Tel.: (+356) 21 25 05 50

Mitbugh fl-Stamperija tal-Gvern
Prezz: €2.00

**Werrej**

**Daħla** 1

Il-Qagħda Finanzjarja tal-Gvern 3

**Estimi Sena 2013** 6

**Il-Miżuri tal-Baġit** 11

Tneħħija tat-taxxa fuq il-paga minima 12
Eżenzjoni mit-taxxa fuq trasferiment
*causa mortis* ta' propjeta residenzjali 12
Trasferiment ta' propjeta immobli favur l-ulied 13

**Ir-Rata ta' Tkabbir Ekonomiku** 13

Strategija għat-Titjib fil-Finanzi Pubbliċi 15

**Politika Fiskali** 17

**Politika Ekonomika** 18

**Strateġija għall-Ħolqien tax-Xogħol** 21

Is-Servizz Pubbliku 22

**Għeluq** 24

**Daħla**

Mr. Speaker

Illejla qed nippreżenta l-ewwel Baġit ta' din il-Leġiżlatura. Qiegħed jiġi ppreżentat minn Gvern Ġdid madwar erba' xhur minn meta kellu jgħaddi mill-Parlament. Minflok, illum qegħdin nagħmlu dak li suppost li Gvern preċedenti kellu jwettaq hu, kieku mexa bil-għaqal.

Illejla mhux se noqogħdu ninħlew fuq argumenti tal-passat dwar ta' min hu t-tort ta' dan kollu.

Il-poplu tkellem ċar fid-9 ta' Marzu u ta l-ġudizzju tiegħu.

Dmiri u dmir dan il-Gvern Ġdid huwa li jmexxi b'mod kompetenti u jara li l-finanzi pubbliċi jitmexxew bl-aħjar mod possibbli. Għaliex il-poplu għandu dritt jistenna l-għaqal minn Gvern elett minnu.

Dan il-Gvern kien wiegħed, meta kien għadu fl-oppożizzjoni li, b'responsabbilta' lejn pajjiżna u bi prudenza, kien se jżomm il-qafas ta' dan il-Baġit mhux l-anqas għaliex kien mifhum li dan il-Baġit kien miftiehem u maqbul mal-Kummissjoni Ewropea. Din id-deċiżjoni ttieħdet sabiex, fir-realta' ta' Baġit mhux approvat, inżommu u nsaħħu ċ-ċertezza u l-istabbilita' fil-pajjiż. Il-familji u n-negozji tagħna kellhom bżonn is-serħan il-moħħ illi dak li ġie mwiegħed lilhom fil-Baġit għall-2013, jingħatalhom irrispettivament minn min ikun fil-Gvern.

Kien hemm minn kien kritiku għal din id-deċiżjoni. Kien hemm minn ra kontradizzjoni fil-pożizzjoni tagħna li Gvern Ġdid li tela' fuq l-għajta ta' bidla fid-direzzjoni iżomm il-qafas tal-Baġit tal-Gvern ta' qabel. Iżda, kif spjegajna dak in-nhar, il-bidla fid-direzzjoni tiġi mill-operat tal-gvern, mill-mod ta' kif

nagħmlu l-affarijiet u mir-rieda ta' tmexxija li se taħdem bi prudenza, għaqal u bżulija.

Raġuni oħra hi li f'din l-istess ġimgħa li qed jitressaq dan il-Baġit, il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tistenna minna il-qafas ta' Baġit ieħor. Dak għas-sena 2014. Baġit li fih se nkunu nistgħu naraw riflessjoni aħjar u aktar ċara ta' dawk il-proposti li jiffurmaw parti mir-*Road Map* ta' dan il-Gvern. Programm ta' ħidma li l-poplu għażel u li għalih ingħatajna mandat sod sabiex inwettquħ. Illum irridu li l-ekonomija tagħna tibqa' miexja u mhux tieqaf bl-inċertezza ta' stennija bla bżonn għal xi Baġit ġdid.

Kien hemm qbil miż-żewġ naħat tal-Kamra li m'għandu jinbidel xejn minn dak li ġie ippreżentat f'Novembru li għadda ħlief li tiddaħħal il-miżura li permezz tagħha dawk li jaqilgħu biss il-*mimimum wage* ma jiġux intaxxati.

Stajna għamilna hekk biss. Iżda r-realta' tas-sitwazzjoni u għax responsabbli kellna niffaċċjaw diversi sfidi u nieħdu d-deċiżjonijiet meħtieġa.

L-ewwel sfida li riedet tiġi ffaċċjata mill-ministeru tiegħi kienet dwar b'liema verżjoni tal-Baġit 2013 konna se naħdmu. Kellna tlett verżjonijiet li ma kienux jaqblu ma xulxin; dik moqrija mill-Ministru ta' qabli, dik li tinstab fl-estimi ppreżentati minnu, u dik li ġiet ddraftjata fl-abbozz ta' liġijiet ippreparati sabiex jiddaħħlu fis-seħħ hekk kif jiġi approvat il-Baġit. Id-diskrepanzi bejn it-tlett verżjonijiet ma kienux żgħar. Fuq dan nitkellem aktar 'l quddiem.

It-tieni sfida ġejja mill-andament finanzjarju kemm tas-sena li għaddiet kif ukoll minn dak tal-ewwel tlett xhur ta' din is-sena. Matul dawn il-perjodi d-dħul u l-ispiża tal-Gvern marru f'direzzjoni mhix mixtieqa. Dan jirriżulta mill-kontijiet tal-Gvern kif qed jiġu rrapurtati mill-uffiċċju Nazzjonali tal-iStatistika.

**Il-Qagħda fil-Finanzi tal-Gvern**

Il-mira oriġinali tal-Gvern Nazzjonalista kienet li s-sena 2012 tispiċċa bi żbilanċ fil-Fond Konsolidat ta' 145 miljun ewro. Iżda din il-mira marret żmerċ. U aktar minn rduppjat għal 342 miljun ewro. Din ir-realta' baqgħet tiġi rrifjutata mill-Gvern b'mod li f'Novembru, xahar biss qabel ma għalqu l-kotba, baqgħu jinsistu li anke ċ-ċifra tal-iżbilanċ riveduta kienet sa titla biss għall-180 miljun ewro.

Iż-żieda fl-iżbilanċ seħħet primarjament għaliex id-dħul proġettat kien ferm ottimist u kif konna għidna ma setax jintlaħaq. Fil-fatt, fi tmiem is-sena 2012 il-Gvern spiċċa daħħal 245 miljun ewro inqas fi dħul milli kien approvat. Kien hemm nuqqas qawwi ta' dħul mis-sisa, mill-VAT, mill-bolla u minn liċenżji u taxxi oħra, b'total ta' kwazi 150 miljun ewro. Huwa minnu li dan it-total jinkludi madwar 66 miljun ewro sisa dovuti lil Gvern mill-Korporazzjoni Enemalta. Hemm ukoll madwar 100 miljun ewro dħul inqas mill-Fondi tal-Unjoni Ewropea li, mbaghad bis-sistema tal-accruals ġie ibbilanċjat fl-ispiża kapitali.

Imma jibqa' l-fatt li n-nuqqas fid-dħul tal-gvern kien sinifikanti.

Jidher ċar li biex jagħmel tajjeb għal dan in-nuqqas ta' dħul mill-Enemalta, kien hemm pjan min-naħa tal-Gvern Nazzjonalista li jerġa' jgħolli l-kontijiet tad-dawl u l-ilma wara l-elezzjoni. Dan il-Gvern mhux se jagħmel hekk. Anzi, bdejna bil-pjan li għandu jwassal biex inraħħsu l-kontijiet u nsaħħu s-sostenibilita' tal-Enemalta.

Minn naħa tal-infieq kien hemm spejjez akbar minn dak approvat. Kien hemm madwar 26 miljun ewro imkejjla b'mod nett fi spiża akbar mill-ministeri, prinċipalment dawk tas-saħħa u tas-sigurta' soċjali u, 21 miljun ewro fi ħlasijiet ġodda lill-Korporazzjoni Enemalta.

Il-qagħda tad-dħul u l-ħruġ tal-Gvern għas-sena 2012 meta mqabbla mas-sena ta' qabel qegħdin jingħataw fit-tabella numru 1.

Fuq bażi ta' Fond Konsolidat dan l-iżbilanċ jitla' għal ta' 5.1 fil-mija. Iżda din m'hix iċ-ċifra ta' kemm hu d-defiċit reali tal-pajjiż.

Iċ-ċaqlieq straordinarju li semmejna jwassal li jniżżel din iċ-ċifra l-isfel meta d-defiċit jiġi mkejjel fuq livell tal-Gvern Estiż bis-sistema tal-*accruals*. Imma xorta d-defiċit jibqa' ferm il-bogħod minn dak li ġie ppjanat fil-Baġit għas-sena 2012. Il-qofol hu li s-sena 2012 spiċċajniha b'defiċit tal-Gvern estiż ta' 3.3 fil-mija.

Din teknikament tista' iddaħħalna lura fil-Proċedura msejjħa *Excessive Deficit Procedure* (EDP).

Iżda dan huwa punt li wieħed għad irid jara kif jiżviluppa.

Ħa ngħiduha kif inhi. Dan ir-riżultat m'hu sorpriża għal ħadd u, speċjalment, għalina li s-sena li għaddiet konna fuq in-naħa l-oħra tal-Kamra. Dak iż-żmien widdibna, kemm-il darba lill-Gvern li t-triq li kien qabad u l-instabbilita' li ħoloq kienet qed taffetwa ħażin l-attivita' ekonomika ta' pajjiżna, speċjalment il-konsum u l-investiment u kienet se twasslu li jitlef il-miri fiskali.

Beda bi proġettazzjoni mhux realistika, injora għal darba tnejn tlieta lill-Kummissjoni u waqa' fid-Defiċit Eċċessiv fejn qal li mhux se jaqa'. Kull darba li rrimarkajna li id-defiċit qed jikber qalilna biex nieħdu paċenzja, nistennew u naraw.

Issa stennejna, rajna u ingħatajna raġun.

*Tabella Nru. 1*

**IL-QAGĦDA FISKALI 2011 - 2012**

| | 2011 | | 2012 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Attwali € '000 | | Approvat € '000 | | Attwali € '000 | |
| **Fond Konsolidat** | | | | | | |
| Dħul minn Taxxi | 2,323,351 | | 2,541,850 | | 2,392,966 | |
| Dħul Ieħor | 320,480 | | 419,150 | | 322,766 | |
| Dħul Totali | | 2,643,831 | | 2,961,000 | | 2,715,732 |
| Nefqa Rikurrenti | | 2,361,284 | | 2,450,295 | | 2,488,423 |
| Nefqa Kapitali | | 288,695 | | 425,327 | | 343,777 |
| Bilanċ qabel l-Imgħax | (6,148) | | 85,378 | | (116,468) | |
| Ħlasijiet ta' Imgħax | | 212,462 | | 230,605 | | 225,807 |
| Bilanċ / (Żbilanċ) Rikurrenti | 70,085 | | 280,100 | | 1,502 | |
| **(Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(218,610)** | | **(145,227)** | | **(342,275)** |
| *Finanzjament* | | | | | | |
| *Ħlas lura dirett ta' Self* | *(128,438)* | | *(509,702)* | | *(349,757)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Lokali* | *(6,744)* | | *(4,857)* | | *(4,857)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Barranin* | *(6,758)* | | *(6,716)* | | *(6,716)* | |
| *Akkwist ta' Equity* | *(6,000)* | | *(20,100)* | | *(53,392)* | |
| *Faċilita' ta' Self lir-Repubblika Ellenika* | *(30,842)* | | *(16,575)* | | *-* | |
| *Faċilita' ta' Self lill-Air Malta plc* | *(52,000)* | | *-* | | *(52,000)* | |
| *EFSF Credit Line Facility* | *-* | | *(4,500)* | | *0* | |
| *Ħlas Lura ta' Self Mogħti lill-Gvern* | *-* | | *52,002* | | *52,000* | |
| *Bilanċ mis-Sinking Funds ta' Stokk Konvertit* | *9,622* | | *28,159* | | *28,425* | |
| *Bejgħ ta' Assi* | *-* | | *-* | | *-* | |
| | | *(221,160)* | | *(482,289)* | | *(386,297)* |
| *Ħtieġa ta' Self* | | *(439,770)* | | *(627,516)* | | *(728,572)* |
| *Self Barrani* | | *-* | | *-* | | *-* |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fl-1 ta' Jannar* | *(125,231)* | | *24,524* | | *2,797* | |
| *Self Lokali* | *567,798* | | *700,000* | | *645,652* | |
| | | *442,567* | | *724,524* | | *648,449* |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fil-31 ta' Diċembru* | | *2,797* | | *97,008* | | *(80,123)* |
| **(Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(218,610)** | | **(145,227)** | | **(342,275)** |
| **Aġġustamenti tal-Gvern Estiż** | | **35,603** | | **(8,673)** | | **116,421** |
| **(Żbilanċ) tal-Gvern Estiż** | | **(183,007)** | | **(153,900)** | | **(225,854)** |
| **Prodott Domestiku Gross** | **6,556,327** | | **6,776,000** | | **6,755,851** | |
| **(Żbilanċ) tal-Gvern Estiż bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **-2.8%** | | **-2.3%** | | **-3.3%** | |

**Estimi Għall-2013**

Mr Speaker,

Tlabt lil uffiċjali pubbliċi biex jagħtuni wkoll rendikont finanzjarju għall-ewwel tlett xhur ta' din is-sena. Dan biex l-estimi li qed jiġu ppreżentati llum għas-sena 2013 ikunu aktar realistiċi skond iċ-ċirkostanzi tal-lum. Nixtieq nirraporta li, għal raġunijiet li se nispjega dalwaqt, l-estimi riveduti tal-Baġit qegħdin jipprevedu żieda ta' madwar 68 miljun ewro fl-iżbilanċ tal-Fond Konsolidat. Id-dettalji dwar kif qegħdin nistmaw li se tirriżulta din iż-żieda qegħdin inpoġġuhom fuq il-mejda tal-Kamra.

Informazzjoni dwar l-estimi riveduti għas-sena 2013 dwar dħul mit-taxxi, nefqa rikurrenti, investiment kapitali u dejn tal-Gvern qegħda fit-tabelli 2 u 3, li nitlob lill-Kamra tieħu bħala moqrija.

Iż-żelqa fiskali li seħħet f'dawn l-aħħar xhur mhix se taqtgħalna qalbna u mhix se tintuża bħala skuza biex immorru lura minn dak li wegħedna. Huwa biss biex inkunu nafu fejn aħna.

Nixtieq intenni li dak li pproponejna se nwettquh. Kif se nispjega iktar 'il quddiem il-bidla fid-direzzjoni hija intiża biex f'Malta dawn iż-żelqiet fiskali jsiru xi ħaġa tal-passat. Il-poplu tagħna xeba' jara n-nuqqas ta' trasparenza fil-mod kif jiżvolġu l-estimi tal-Gvern. Irid ikun jaf il-verita'. Irid stimi fiskali realistiċi. Irid li pajjiżna jkollu pjan kif se ikollu t-tkabbir ekonomiku mixtieq. Irid li d-dejn ta' pajjiżna ma jkomplix jipperikola l-futur tagħna u ta' uliedna. Irid li l-finanzi ta' pajjiżna jitmexxew bil-għaqal u l-prudenza.

## IL-QAGĦDA FISKALI 2011 - 2015

| | 2011 | | 2012 | | 2013 | | | | 2014 | | 2015 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Estimi | | Estimi | | | | | |
| | Attwali | | Attwali | | Novembru 2012 | | April 2013 | | Estimi | | Estimi | |
| | € '000 | | € '000 | | € '000 | | € '000 | | € '000 | | € '000 | |
| **Fond Konsolidat** | | | | | | | | | | | | |
| Dħul minn Taxxi | 2,323,351 | | 2,392,966 | | 2,710,778 | | 2,639,678 | | 2,760,228 | | 2,871,828 | |
| Dħul Ieħor | 320,480 | | 322,766 | | 415,436 | | 390,818 | | 432,983 | | 478,448 | |
| Dħul Totali | | 2,643,831 | | 2,715,732 | | 3,126,214 | | 3,030,496 | | 3,193,211 | | 3,350,276 |
| Nefqa Rikurrenti | | 2,361,284 | | 2,488,423 | | 2,561,852 | | 2,572,090 | | 2,632,976 | | 2,688,603 |
| Nefqa Kapitali | | 288,695 | | 343,777 | | 424,480 | | 386,924 | | 466,703 | | 500,441 |
| Bilanc qabel l-Imgħax | (6,148) | | (116,468) | | 139,882 | | 71,482 | | 93,532 | | 161,232 | |
| Ħlasijiet ta' Imgħax | | 212,462 | | 225,807 | | 235,282 | | 235,282 | | 245,532 | | 256,232 |
| Bilanċ / (Żbilanċ) Rikurrenti | 70,085 | | 1,502 | | 329,080 | | 223,124 | | 314,703 | | 405,441 | |
| **(Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(218,610)** | | **(342,275)** | | **(95,400)** | | **(163,800)** | | **(152,000)** | | **(95,000)** |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *Finanzjament* | | | | | | | | | | | | |
| *Ħlas lura dirett ta' Self* | *(128,438)* | | *(349,757)* | | *(516,783)* | | *(370,283)* | | *(511,661)* | | *(349,377)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Lokali* | *(6,744)* | | *(4,857)* | | *(4,059)* | | *(4,059)* | | *(3,261)* | | *(3,261)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Barranin* | *(6,758)* | | *(6,716)* | | *(6,475)* | | *(6,475)* | | *(6,465)* | | *(6,464)* | |
| *Akkwist ta' Equity* | *(6,000)* | | *(53,392)* | | *(51,796)* | | *(51,796)* | | *(26,796)* | | *(54,796)* | |
| *Faċilita' ta' Self lir-Repubblika Ellenika* | *(30,842)* | | - | | - | | - | | - | | - | |
| *Faċilita' ta' Self lill-Air Malta plc* | *(52,000)* | | *(52,000)* | | - | | - | | - | | - | |
| *EFSF Credit Line Facility* | - | | *0* | | *(4,500)* | | *(4,500)* | | *(4,500)* | | *(4,500)* | |
| *Ħlas Lura ta' Self Mogħti lill-Gvern* | - | | *52,000* | | *2* | | *2* | | *2* | | *2* | |
| *Bilanċ mis-Sinking Funds ta' Stokk Konvertit* | *9,622* | | *28,425* | | *28,343* | | *28,343* | | - | | - | |
| *Bejgħ ta' Assi* | - | | - | | - | | - | | - | | - | |
| | | *(221,160)* | | *(386,297)* | | *(555,268)* | | *(408,768)* | | *(552,681)* | | *(418,396)* |
| *Ħtieġa ta' Self* | | *(439,770)* | | *(728,572)* | | *(650,668)* | | *(572,568)* | | *(704,681)* | | *(513,396)* |
| *Self Barrani* | | - | | - | | - | | - | | - | | - |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fl-1 ta' Jannar* | *(125,231)* | | *2,797* | | *82,175* | | *(80,123)* | | *(2,691)* | | *(57,372)* | |
| *Self Lokali* | *567,798* | | *645,652* | | *650,000* | | *650,000* | | *650,000* | | *450,000* | |
| | | *442,567* | | *648,449* | | *732,175* | | *569,877* | | *647,309* | | *392,628* |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fil-31 ta' Diċembru* | | *2,797* | | *(80,123)* | | *81,507* | | *(2,691)* | | *(57,372)* | | *(120,768)* |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **(Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(218,610)** | | **(342,275)** | | **(95,400)** | | **(163,800)** | | **(152,000)** | | **(95,000)** |
| **Aġġustamenti tal-Gvern Estiż** | | **35,603** | | **116,421** | | **(27,500)** | | **(27,500)** | | **(3,000)** | | **(29,000)** |
| **(Żbilanċ) tal-Gvern Estiż** | | **(183,007)** | | **(225,854)** | | **(122,900)** | | **(191,300)** | | **(155,000)** | | **(124,000)** |
| **Prodott Domestiku Gross** | **6,556,327** | | **6,755,851** | | **7,070,110** | | **6,978,794** | | **7,243,988** | | **7,548,236** | |
| **(Żbilanċ) tal-Gvern Estiż bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **-2.8%** | | **-3.3%** | | **-1.7%** | | **-2.7%** | | **-2.1%** | | **-1.6%** | |

*Tabella Nru. 3*

## IL-BILANĊ TAD-DEJN TAL-GVERN

| | | | | | **€ '000** |
|---|---|---|---|---|---|
| | **2011** | **2012** | **2013** | **2014** | **2015** |
| *Stocks* tal-Gvern | 4,046,345 | 4,351,639 | 4,631,371 | 4,769,710 | 4,870,333 |
| *Bills* tat-Teżor | 257,148 | 154,133 | 156,701 | 211,382 | 274,778 |
| Self Lokali ma' Banek Kummerċjali | 56,379 | 56,379 | 56,379 | 56,379 | 56,379 |
| Self minn Barra | 74,581 | 61,970 | 51,028 | 40,415 | 29,802 |
| *EBU's* / Kunsilli Lokali | 111,533 | 89,913 | 89,913 | 89,913 | 89,913 |
| Munita | 45,836 | 50,098 | 54,400 | 58,600 | 62,900 |
| EFSF (*Debt Re-Routing* ) | 15,531 | 135,951 | 141,383 | 141,383 | 141,383 |
| **Dejn tal-Gvern Estiż** | **4,607,353** | **4,900,083** | **5,181,175** | **5,367,782** | **5,525,488** |
| Prodott Domestiku Gross | 6,556,327 | 6,755,851 | 6,978,794 | 7,243,988 | 7,548,236 |
| **Dejn bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **70.27%** | **72.53%** | **74.24%** | **74.10%** | **73.20%** |

Diġa' qed nitkellmu mal-Kummissjoni Ewropea, kif ukoll mal-istituzzjonijiet u aġenziji, kemm Ewropej kif ukoll dawk internazzjonali li qed josservawna mill-qrib, li aħna deċiżi bis-serjeta’ li se nnaqqsu d-defiċit u nrażżnu d-dejn ta’ pajjiżna.  Irridu bis-serjeta’ naraw li nikkonvinċu li mhux talli se nagħmlu l-almu tagħna kollu li ma naqbżux id-defiċit ta’ 3 fil-mija għal din is-sena, iżda naraw li r-riżultat aħħari jkun aħjar milli qed jiġi stmat illum.

Ha nkunu ċari, bis-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja preżenti sew internazzjonalment u aktar u aktar fiż-żona ewro dan mhux ser ikun faċli. Imma din is-sitwazzjoni ssaħħilna l-fehma u żżidilna d-determinazzjoni tagħna li naslu. Nassigurakom li dan il-Gvern ġdid se jaħdem għalenija u b’ħafna enerġija sabiex isewwi l-ħsarat li saru fil-finanzi ta’ pajjżna u se jasal.

Il-pjan tagħna mhux ta' sena għaliex kieku nagħmlu hekk nispiccaw nagħmlu ħsara lill-ekonomija ta’ pajjiżna. Fejn hemm il-ħela u l-ineffiċjenzi x’jitneħħew ma hemmx bżonn ta’ programmi ta’ awsterita’ u skossi oħra. Li għandna bżonn hi aktar flessibilita’ sabiex inbiddlu dawk il-prattiċi ħziena li drajna bihom u li jekk jitħallew ikomplu iwasslu biex is-sitwazzjoni finanzjarja teħżien. Il-wegħda ta’ bidla fid-direzzjoni żgur titlob li dan ma jitħalliex isir.

F’isem it-trasparenza il-poplu għandu dritt ikun jaf x’wassal biex il-konitijiet ta’ dan il-Baġit li ġie ppreżentat erba’ xhur ilu kellhom jiġu reveduti. Din ir-reviżżjoni tirriżulta fi stima ta’ żbilanċ akbar.

Nibdew bl-ewwel raġuni. Minn evalwazzjoni tas-sitwazzjoni li qegħda ssir l-verżjoni tal-Baġit moqrija fil-Parlament mill-Ministru ta’ qabli f’Novembru li għadda ma kenitx riflessa fedelment fl-estemi ippreżentati dak in-nhar stess. Fil-*Diskors tal-Baġit* kien hemm numru ta’ wegħdiet li għalihom ma sarx providement fl-estimi.

Fi kliem ieħor, il-Gvern Nazzjonalista kien semmihom fid-diskors tal-Baġit, iżda mbagħad jew ma warrabx jew  inkella ma provdiex flus bizzejjed għalihom. Kien kliem biss.

Minn dawk nista' nsemmi il-*Youth Organisation Projects*, l-*Out of Home Care Programme*, ir-*Residential Home for Youth*, it-*Therapeutic Facility*, l-*Embark for Life*, ż-żiediet fl-iStipendi, l-*After Schools Programme*, il-*Lifelong Learning*, u oħrajn li għadhom qed jiġu identifikati f'kull ministeru.

Dan huwa nuqqas ta' serjeta'.

Kellna deċizjoni x'nieħdu. Dawn il-programmi li l-Gvern Nazzjonalista kien wiegħed iżda ma pprovdiex flus għalihom, x'nagħmlu dwarhom? L-eħfef triq kienet li ngħidu li jekk ħaddiehor ma pprovdiex il-flus, dawn il-programmi ma jitwettqux.

Iżda dan il-Gvern Ġdid ma jirragunax hekk.

Aħna kommessi li dak li kien ġie mwiegħed għandu jitwettaq u se nagħmlu provvediment għalihom fl-estimi riveduti.

Minn dak in-nhar li nqara dan il-Baġit f'Novembru li għadda kellna kampanja twila fejn tulha saru fost l-oħrajn numru ta' Ftehim Kollettivi li jikkommettu lil Gvern għal spiża akbar għas-sena rikorrenti. Dawn il-ftehim saru mal-għalliema tal-MCAST, mat-tobba u l-infermiera. Sar wkoll ftehim formali mal-Universita' għal reviżjoni fl-estimi ta' din l-istituzzjoni li kien sarilha qtugħ qabel u li b'riżultat t'hekk ma setgħetx topera. Ftehim ieħor sar mal-farmiċisti rigward l-Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek. Dawn il-ftehim kollha ta' qabel l-elezzjoni jitolbu aġġustament fl-estimi tal-infieq.

M'hinix ngħid li dawn il-Ftehim Kolletivi ma kellhomx isiru. Anzi ħafna minnhom kellhom isiru ferm qabel.

Inserraħ moħħ il-ħaddiema kollha li l-Gvern Ġdid se jonora dawn il-Ftehim Kollettivi. Għaliex dan huwa Gvern responsabbli.

Ma' dawn inżidu spejjeż marbuta mal-bidla fl-amministrazzjoni li qed nagħmlu wkoll providiment għalihom.

Għalhekk, l-ispiża rikorrenti, imkejjla b'modd netta, se titla b'ammont nett ta' 10 miljun ewro, filwaqt li dik kapitali, imkejjla b'mod netta, se titla b'miljun ewro ieħor fuq l-istima kif ippreżentata f'Novembru li għadda.

Fl-ewwel tlett xhur ta' din is-sena, min-naħa tad-dħul, il-Gvern bata telf mid-dħul tas-sisa. Dan għaliex, iż-żidiet imħabbra fil-Baġit f'Novembru tas-sena l-oħra kellhom jistennew għall-approvazzjoni ta' dan il-Baġit biex jidħlu fis-seħħ. Dan jissarraf f'telf li jitla għal 3 miljun ewro.

Fl-aħħarnett, il-Ministeru għamel stimi riveduti tad-dħul. L-estimi għad-dħul għas-sena 2013 se jiġu aġġustati l-isfel b'mod net b'57 miljun ewro li minnhom hemm 14 miljun ewro f'kontribuzzjoni anqas tal-gvern għas-sigurta' soċjali.

**Il-Miżuri tal-Baġit**

Mr Speaker,

Xi wħud mill-miżuri tal-Baġit diġa ddaħħlu fis-seħħ. Oħrajn għad iridu jidħlu.

Għajr għall-miżuri li se jissemmew aktar 'l quddiem, il-miżuri tal-Baġit li għadhom ma daħlux fis-seħħ se jidħlu fis-seħħ mill-1 ta' Jannuar 2013.

Iż-żewġ miżuri li gejjin se jidħlu fis-seħħ kif ġej:

L-ewwel, il-perjodu ta' meta tista ssir l-għażla ta' kif jiġi ntaxxat it-trasferiment ta' propjeta, ġie estiż minn seba' snin għall-tnax il-sena. Dan se jidħol fis-seħħ mill-lum, 8 t'April 2013.

It-tieni, it-tibdil fir-rati tas-Sisa skont id-diversi skedi jidħlu fis-seħħ minn għada, id-9 ta' April 2013.

**Tneħħija tat-taxxa fuq il-Paga Minima**

Kif ġie mwiegħed persuna li t-taxxa tagħha tinħadem fuq rata ***'single'*** u matul din is-sena tirċievi biss il-paga minima u l-bonus statutorju, mhux se tkun intaxxata. Dan se isir permezz ta' aġġustament speċifiku fejn min ikollu dħul ġej biss minn impjieg, inkluż il-bonus, li ma jaqbiżx l-8,950 ewro matul l-2013 mhux se ikun suġġett għat-taxxa fuq id-dħul. Din tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2013.

**Eżenzjoni mit-taxxa fuq trasferiment *causa mortis* ta' propjeta residenzjali**

Fuq din il-kwistjoni huwa ċar li kien hemm taħwid u nuqqas ta' informazzjoni li jidher li kien intenzjonat.

Niftakru ċar li l-Prim Ministru preżenti jitlob lil predeċessur tiegħu fuq it-televiżjoni biex jiċċara fuq x' hiex se titneħħa din it-taxxa.

In-nuqqas ta' tweġiba kien jindika li l-Gvern Nazzjonalista ried jipprova jagħti x' jifhem li se jneħħi din it-taxxa minn fuq kollox, meta l-proviżjoni fil-Baġit kienet differenti.

Matul il-kampanja elettorali, l-Oppożizzjoni tal-lum kienet tenniet li se tneħħi din it-taxxa għal kollox. Din kienet prova mportanti għal Gvern tal-lum. Stajna ħallejna lilna nfusna ninġarru mal-politika tal-irkanti u ngħidu li se nagħmlu l-istess.

Minflok, għażilna l-politika tar-responsabbilta' u għidna li dak li kien qed jipproponi ħaddiehor ma setax isir.

Għalhekk, illum qed nipprezentaw il-proposta b' mod realistiku u kif fil-verita' kienet mħejjija mill-Gvern preċedenti fil-workings li jirriżultaw min Novembru li għadda. Dan ifisser li t-trasferiment *causa mortis* tad-dar reżidenzjali tal-persuna li tmut favur l-ulied ser ikun eżentat mit-taxxa ta' trasferiment. Din tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2013.

**Trasferiment ta' propjeta immobbli favur l-ulied.**

Meta persuna titrasferixxi b'donazzjoni għall-ewwel darba propjeta lil ulied b'li skop li din il-propjeta tintuża jew tinbena mill-istess ulied bħala r-reżidenza unika tagħhom, ma jkunx hemm taxxa tal-boll fuq l-ewwel 250,000 euro tal-valur tal-propjeta trasferita. Fuq il-kumplament tal-valur tal-propjeta ikun hemm it-taxxa ta' trasferiment bir-rata kif inhi bħalissa. Din tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2013.

**Ir Rata ta' Tkabbir Ekonomiku**

Mr Speaker,

Waħda mir-raġunijiet li pajjiżna ma ġġenerax dħul qawwi biżżejjed biex il-livell tal-għixien ta' kull familja jinħass qed jitjieb u l-anqas ma ġġenera numru kbir ta' imjiegi *full time* u ta' kwalita' daqs kemm wieħed jixtieq, kien it-tkabbir kajman tal-ekonomija li kellna mis-sena elfejn 'l hawn. Dan kien dovut parzjalment għall-perjodi fejn it-talba esterna għall-prodotti u servizzi li nesportaw tbaxxiet, bħalma ġara b'riżultat tar-riċessjoni internazzjonali mill-2008 'l hawn. Kellna wkoll perjodu, fl-2004, fejn dħalna f'riċessjoni minħabba programmi ta' awsterita' b'żieda qawwija fit-taxxi sabiex ir-rati tad-defiċit u d-dejn jinżlu bi preparazzjoni għad-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea.

Iżda l-akbar kontribut għar-rata baxxa ta' tkabbir ekonomiku kien li Malta waqqgħet il-potenzjal massimu ta' tkabbir ekonomiku minn dik ta' 'l fuq minn 4 fil-mija f'termini reali fl-aħħar tad-disgħinijiet għal dik ta' inqas minn 2 fil-

mija llum. Dan ifisser li jekk l-Unjoni Ewropea toħroġ minn dan il-perjodu ikraħ ta' nuqqas ta' tkabbir ekonomiku u żżid id-domanda, Malta m'għandiex il-potenzjal li tissuplixxi dik il-produzzjoni biex tara t-tkabbir ekonomiku jaqbeż it-tnejn fil-mija.

F'din il-leġiżlatura se nħabbru u nwettqu numru ta' miżuri sabiex dan il-potenzjal għat-tkabbir ekonomiku jikber aktar minn din ir-rata. B'hekk biss nistgħu niżguraw li l-familji tagħna jibdew iħossu titjib fl-għixien tagħhom u mhux biss jarawħ fuq xi karta bħala statistika.

L-ewwel minn dawn is-sensiela twila ta' inizjattivi se jitħabbru mill-Prim Ministru llejla stess.

Għall-eżerċizzju tal-Baġit ir-rata tat-tkabbir ekonomiku tieħu rwol differenti. Hija dik ir-rata li fuqha l-Gvern jipproġetta d-dħul tiegħu permezz ta' taxxi fuq dħul personali u tal-kumpaniji, fuq il-konsum u fuq attivitajiet ekonomiċi oħra. Jekk din ir-rata l-Gvern jipproġettaha b'mod ottimista żżejjed, kif fil-fatt ġara ħafna drabi fil-passat, tagħti lok biex jistma nfieq għoli fl-ispiża tal-Gvern u fl-istess ħin jagħti l-impressjoni li se jilħaq dawk il-miri makro-ekonomiċi u fiskali fir-rigward tad-deficit u d-dejn. Sena wara sena drajna naraw dawn il-miri ma jintlaħqux, primarjament għaliex id-dħul previst ma jintlaħaqx. U b'hekk ma jlaħħaqx mal-ispiża. Is-sena ta' meta Malta kellha tilħaq bilanċ fil-Baġit tal-Gvern ingħatat tlett darbiet u dejjem ġiet posposta għal xi sena oħra. Din id-data dejjem narawha titbiegħed. Naturalment riżultat t'hekk id-dejn jibqa' jiżdied.

Huwa għalhekk importanti u prudenti li din ir-rata tkun realistika u kawta. Għall-futur irridu naraw li r-rata proġettata mill-Ministeru tiegħi tkun konsonanti ma' dik ipproġettata għalina mill-Unjoni Ewropea, mill-Fond Monetarju Internazzjonali, mill-aġenziji tar-*rating* u l-Bank Ċentrali. L-istima

tar-rata għat-tkabbir ekonomiku għal din is-sena hija 1.4 f'termini reali u ta' 3.3 fil-mija f'termini nominali.

Fi kliem ieħor, mhux se nippruvaw nesaġeraw biex nimpressjonaw. Qed inkunu kawti. Il-kredibilita' hekk titlob.

L-aħbar il-ħazina hija li għal-raġunijiet li ġew spjegati fil-bidu, Malta reġgħet qabżet ir-rata ta' defiċit ta' tlieta fil-mija s-sena li għaddiet.

L-aħbar it-tajba hija li konna diġa' qed nistennew din iż-żelqa fiskali u li se nikkoreguha matul din is-sena stess.

Għalhekk, qieghed inħabbar li l-mira għad-defiċit tal-Gvern għal din is-sena se tkun ta' 2.7 fil-mija tal-Prodott Gross Domestiku. Il-mira tal-Gvern li d-defiċit jibda' t-triq tan-niżla hu fl-interess ta' pajjiżna u aħna se naraw li din titwettaq. Fil-fatt sa nżommu l-mira li r-rata tad-defiċit tinżel b'0.6 ta' perċentwal kull sena minn din is-sena 'il quddiem.

**Strateġija għat-Titjib fil-Finanzi Pubbliċi**

Il-Gvern Ġdid huwa kommess illi jkompli jikkontrolla l-iżbilanċ fil-finanzi pubbliċi bil-għan li dan jinżamm f'livell sostenibbli skont il-kriterji tal-Unjoni Ewropea u ż-żona tal-ewro fil-**qafas tal-patt fiskali**. Se jiġi adottat qafas fiskali li jikkumplimenta d-dħul ta' **klawsola ġdida dwar baġit bilanċjat fil-Kostituzzjoni tal-pajjiż.** Il-Gvern għandu wkoll l-għan illi jilħaq baġit bilanċjat fl-iqsar żmien realistiku possibbli

Irridu naħdmu bis-sħiħ sabiex innaqqsu **l-piż tad-dejn nazzjonali** kif ukoll dak li nġemgħa fid-diversi Korporazzjonijiet pubbliċi. **Id-dejn f'dawn il-Korporazzjonijiet** qiegħed jagħmel tajjeb għalih il-Gvern. L-interessi li l-poplu tagħna qiegħed iħallas fuq id-dejn pubbliku, llum jammonta għal 235

miljun ewro; jiġifieri daqs l-iżbilanċ fil-finanzi pubbliċi tal-Gvern. Id-dejn huwa piż fuq il-poplu tagħna u fuq il-ġenerazzjonijiet futuri.

It-titjib fil-finanzi pubbliċi jiġi billi b'rieda sħiħa u b'kuraġġ noħolqu ambjent ekonomiku tajjeb biżżejjed li jagħtina l-flessibilita finanzjarja neċessarja li nagħmlu dak li hu meħtieġ f'dan il-qasam. Għaldaqstant, il-politika tal-Gvern f'dan il-qasam hija msejsa fuq diversi pilastri.

Irridu nassiguraw illi l-ekonomija tagħna tkompli **tiddiversifika u tikber** kemm jista' jkun skont il-potenzjal tagħha. Din għandha tkun xprunata mill-investiment produttiv u l-esportazzjoni, u mhux mill-infieq żejjed tal-Gvern. Jekk dan iseħħ, jinħoloq il-ġid u l-impjiegi u jiżdied id-dħul tal-Gvern filwaqt li jitnaqqsu l-piżijiet li normalment jiżdiedu meta l-ekonomija tkun fl-inkwiet.

Irridu nkomplu nħarsu lill-ekonomija tagħna minn kull tip ta' instabbilita' finanzjarja. Pajjiżna għandu **settur finanzjarju sod**, prudenti ħafna u li qiegħed jaħdem f'qafas regolatorju b'saħħtu u li jispira fiduċja. Għandna settur finanzjarju b'kapital sod ħafna, b'likwidita' kbira u li qiegħed jagħmel qligħ tajjeb. Se nagħmlu dak kollu meħtieġ sabiex dan is-settur jibqa' miexi fuq dawn il-linji sodi, trasparenti u serji. Hekk jixraqlu pajjiżna.

Irridu neżaminaw u ngħarblu sewwa dak kollu li qegħdin nonfqu sabiex nassiguraw illi ma jsirx infieq żejjed u bla bżonn, u li jkun hemm valur u rendiment tajjeb għal kull ewro li jintefaq.

Irridu nassiguraw illi kulħadd iħallas sehemu mit-taxxi, għaliex hekk titlob il-ġustizzja soċjali. Għaldaqstant, m'aħniex se nittolleraw **l-evażjoni fiskali** għaliex din toħloq inġustizzja u titfa' piżijiet mhux xierqa fuq dawk li jimxu mal-liġijiet ta' pajjiżna. Għalhekk se naħdmu aktar sabiex inrawmu kultura ta' moralita' fiskali aktar soda fejn iċ-ċittadin jifhem aħjar li t-taxxi dovuti jridu jitħallsu fl-aqwa interess tal-pajjiż. Aħna nemmnu b'konvinzjoni, li aktar ma

l-Gvern jibgħat messaġġ ta' responsabbilta' u għaqal fl-użu ta' flus il-poplu, aktar tista' tiżdied il-moralita' fiskali.

Irridu nassiguraw illi titkattar id-dixxiplina finanzjarja u l-kontabbilta' fiskali fis-settur pubbliku. Fuq kollox, se nesiġu li l-entitajiet pubbliċi u **l-Kunsilli Lokali** jġibu u jżommu l-qagħda finanzjarja tagħhom taħt kontroll.

Mhux hekk biss, iżda l-Gvern se jibda jippubblika t-tweġibiet tiegħu għar-rapport annwali tal-**Awditur Ġenerali** fejn jgħid il-miżuri li jkunu se jittieħdu biex jikkonformaw mar-rakkomandazzjonijiet tal-Awditur Ġenerali, flimkien ma spjegazzjoni adegwata dwar punti ta' diverġenza.

Ukoll, se jitwaqqaf **Kunsill Fiskali** indipendenti bil-għan li jevalwa l-proġettazzjonijiet fiskali tal-Gvern u sabiex tiżdied it-trasparenza fil-proċess tal-baġit u l-miri tat-tkabbir ekonomiku.

Se nsaħħu u ngħaġġlu l-proċess tal-konsolidament tal-funzjonijiet tad-dħul tal-Gvern f'**awtorita' waħda** sabiex intejbu l-effiċjenza fil-ġbir tat-taxxi.

**Politika Fiskali**

Mr Speaker,

Il-politika tagħna dwar it-taxxa tal-Gvern hija ċara.

Huwa l-għan tagħna illi naraw illi **l-piż tat-taxxa**, jiġifieri l-ammont ta' taxxa li niġbru bħala proporzjon ta' dak li jipproduċi l-pajjiż, ma jiżdiedx. Anzi, rridu nsibu l-mezz kif, b'għaqal, bi prudenza u b'responsabbilta', dan innaqqsuħ sabiex mhux talli ma nitfgħux piżijiet ġodda fuq il-familji u n-negozji tagħna, iżda ntaffu, kemm nistgħu, mill-piżijiet li hemm bħalissa.

Għalhekk irridu b'kuraġġ naħdmu ħafna sabiex inkabbru, kemm jista' jkun, il-ġid nazzjonali sabiex nassiguraw dħul xieraq għall-Gvern. Dħul li jkun jista'

jżomm livell xieraq ta' servizzi pubbliċi u għalhekk isostni l-firxa wiesa' ta' servizzi li jagħti l-Gvern, bħas-saħħa, l-edukazzjoni u s-servizzi soċjali, lill-poplu tagħna. Dħul xieraq li jrid jiġi mit-**tkabbir ekonomiku** u mill-**kontroll tal-evażjoni tat-taxxa**.

Fl-istess ħin, aħna qegħdin nwegħdukom illi se **nonfqu dan id-dħul skont il-prijoritajiet tagħna**, b'mod strateġiku, iffukat, b'għaqal u bi prudenza kbira. Se naraw li nieħdu l-valur kollu għal dak li nonfqu sabiex ma jkollniex għalfejn nirrikorru għat-taxxi.

Il-fatt li aħna qegħdin inpoġġu dan l-għan aħħari bħala prijorita' fil-politika tat-taxxa tagħna, għandu jagħti serħan il-moħħ u kuraġġ lill-familji u lin-negozji tagħna. Għandu wkoll iservi bħala nċentiv ekonomiku tajjeb. Il-familji tagħna għandhom iserrħu rashom li **l-bżulija u xogħolhom se jiġu rikonoxxuti** u ppremjati għaliex se naraw li propozjon akbar ta' dak li jaqilgħu, jibqgħalhom fil-but. In-negozji jistgħu jinvestu u jserrħu rashom għaliex magħna jafu fejn qegħdin.

**Politika Ekonomika**

Mr Speaker, il-politika makro-ekonomika tal-Gvern se tkun waħda ċara.

Irridu nsaħħu l-fiduċja u l-kredibbilita' fil-politika ekonomika u finanzjarja tagħna. Din il-fiduċja u l-kredibbilta' tinbena billi nkunu ċari fl-għanijiet tagħna, fil-mezzi li se nużaw sabiex nilħquhom u billi nwettqu dak li ngħidu. B'hekk biss nistgħu **nirbħu l-fiduċja tal-poplu tagħna u tal-imsieħba soċjali** f'pajjiżna. B'hekk biss nistgħu nirbħu l-fiduċja tal-istituzzonijiet internazzjonali u tal-aġenziji tal-*credit rating*. B'hekk biss nistgħu nirbħu l-fiduċja tas-swieq internazzjonali u tal-investituri.

Hemm bżonn ukoll illi naħdmu sabiex inżommu **l-inflazzjoni** f'pajjiżna taħt kontroll assolut. L-inflazzjoni tgħolli l-prezzijiet f'pajjiżna b'detriment għall-

konsumaturi tagħna u l-oqsma produttivi, tnaqqar mis-saħħa tal-flus f'idejn il-poplu tagħna u tikkontribwixxi għat-tnaqqis fil-kompettittivita' ta' pajjiżna fis-swieq internazzjonali. Għal dan il-għan irridu nassiguraw illi s-swieq tagħna jkunu qegħdin jaħdmu b'mod flessibbli u trasparenti.

Hemm bżonn li ntejbu **l-kompetizzjoni u t-trasparenza fis-swieq** tagħna għall-prodotti u s-servizzi. Għall-istess għan irridu naraw illi l-istrutturi regolatorji f'pajjiżna jkunu qegħdin jaħdmu b'mod tajjeb u effettiv sabiex jeliminaw kull prattika anti-kompetittiva u xkiel ieħor li jista' jirriżulta f'żidiet fil-prezzijiet tagħna. Irridu wkoll naraw illi s-servizz pubbliku tagħna ma jitfax **piżijiet** mhux ġustifikati fuq l-ekonomija tagħna li, mbagħad, jirriżultaw f'zidiet fil-prezzijiet tax-xogħol u għall-konsumatur.

Irridu nkomplu nsaħħu **l-protezzjoni tal-konsumaturi** tagħna. Għal dan il-għan se naraw illi l-istrutturi regolatorji li għandna, jkunu qegħdin jaqdu l-funzjoni tagħhom b'mod effiċjenti u effettiv sabiex ikunu ta' tarka kontinwa għall-konsumaturi tagħna.

Pajjiżna jrid jaħdem u **jesporta** sabiex jaqla x'jiekol. Irid jaħdem tajjeb, bil-għaqal u f'qafas ta' kwalita' għolja sabiex ikun jista' jikkompeti fis-swieq internazzjonali. Għal dan il-għan ma nistax ma nieħux din l-opportunita' sabiex nisħaq fuq il-bżonn ta' titjib kontinwu fil-**produttivita'** ta' pajjiżna. Aħna lkoll irridu naħdmu sabiex inkunu kapaċi noffru l-prodotti u s-servizzi ta' kwalita' bl-anqas prezzijiet possibbli. Għalhekk irrid nisħaq fuq il-bzonn illi naħdmu b'ħafna għaqal sabiex ma nżidux l-ispejjez tal-produzzjoni tagħna mingħajr ġustifikazzjoni serja. L-istess irridu nkomplu ninvestu fil-kwalita' tal-prodotti u s-servizzi li noffru.

M'aħniex weħidna fis-swieq internazzjonali. Il-kompetizzjoni kibret u ħraxet ħafna. Aħna niddependu fuq dawn is-swieq għax-xogħol u għall-għixien tagħna.

Għalhekk irridu noqogħdu attenti illi ma nagħmlu xejn illi jista' jhedded il-kompetittivita' ta' pajjiżna.

Il-Gvern se jagħmel l-almu tiegħu sabiex jara li joħloq u jżomm ambjent tajjeb sabiex l-ekonomija tagħna tikber b'mod sostenibbli. Se naraw li noħolqu klima ta' serħan il-moħħ fil-pajjiż fejn b'għaqal u bi trasparenza l-operaturi ekonomiċi tagħna jkunu jafu fejn qegħdin. Se naraw li **l-burokrazija** żejda ma toħloqx spejjeż ġodda li jtaqqlu lill-intrapriżi tagħna u xxekkel it-tkabbir ekonomiku.

Se nħabbru miżuri li jistimulaw l-ekonomija sabiex din tikber qrib il-potenzjal tagħna. Irridu naraw aktar **investiment** fl-infrastruttura u l-kapaċitajiet produttivi tal-pajjiż, fil-ħiliet tal-poplu tagħna u aktar nies, kemm irġiel kif ukoll nisa, jidħlu u jibqgħu fid-dinja tax-xogħol.

F'dan il-kuntest, il-Gvern se jagħmel dak kollu li hemm bżonn sabiex ikollna ekonomija diversifikata u bbilanċjata.

Is-settur tal-manifattura qiegħed hawn u jrid ikompli jissaħħaħ mhux l-anqas billi naraw li nimxu għall-produzzjoni ta' oġġetti ta' valur miżjud għoli. Filwaqt li t-turiżmu lejn pajjiżna diġa qiegħed jikkontribwixxi bil-kbir lejn l-ekonomija tagħna, irridu naraw illi f'dan il-qasam inkomplu niftħu swieq u niċeċ ġodda kif ukoll li ntejbu l-kompetittivita tagħna.

Fil-qasam finanzjarju se nibqgħu ninsistu fuq is-serjeta u l-istabbilta' permezz ta' politika ta' tkabbir meqjus tas-settur. Hawnhekk, l-enfasi se tibqa fuq il-kwalita' u mhux fuq il-kwantita. L-istess japplika għall-qasam tal-i-gaming; qasam li rridu narawħ jikber b'mod sostenibbli.

L-ekonomija kreattiva, li tinkorpora wkoll is-setturi tal-IT, tad-digital gaming kif ukoll tal-films, fost oħrajn, se tkompli tiġi inċentivata għaliex nemmnu illi tista' issir pilastru li jibda jirfed b'mod tajjeb lill-ekonomija. Nemmnu wkoll illi

hemm lok għall-aktar investiment u opportunitajiet ta' mpjiegi tajbin jekk niżviluppaw b'mod tajjeb il-'*Green Economy'*.

L-oqsma marbuta mas-setturi marittimi u tal-avjazzjoni huma wkoll setturi ekonomiċi li jistgħu ikomplu jiżviluppaw sabiex jikkontribwixxu għad-diversifikazzjoni ekonomika tagħna u l-ħolqien tal-impjiegi.

**Strateġija għall-Ħolqien tax-Xogħol**

Mr Speaker

Kif diġa għidt it-tkabbir ekonomiku, il-ħarsien u l-ħolqien tax-xogħol huma prijoritajiet assoluti fl-istrateġija ekonomika tal-Gvern.

Dawn l-għanijiet se nwettquhom permezz ta' politika għax-xogħol li se sserraħ fuq żewġ pilastri

L-ewwel, politika ekonomika ċara u effettiva li toħloq l-opportunitajiet tax-xogħol f'oqsma ekonomiċi diversifikati u sostenibbli.

It-tieni, politika tax-xogħol li l-pern tagħha jkun il-bniedem u l-bżonn tiegħu li jkollu xogħol xieraq u ta' kwalita' sabiex ikun jista' jissodisfa l-aspirazzjonijiet leġittimi tiegħu u tal-familja tiegħu.

Aħna qegħdin nimmiraw għall-konsolidament u t-tkabbir tas-setturi ekonomiċi tagħna kif ukoll għal aktar **diversifikazzjoni ekonomika**. Dan kollu jiġi permezz tal-ħolqien ta' klima ekonomika stabbli u trasparenti u **pakkett ta' nċentivi** li jiffaċilitaw in-negozju u l-investiment kif ukoll permezz ta' investiment fl-oqsma produttivi stabbiliti u oħrajn ġodda.

Dan kollu, flimkien mal-investimenti li se jagħmel il-Gvern fl-oqsma edukattivi u t-taħriġ, tas-saħħa u tal-wens soċjali sabiex nassiguraw li ħadd ma jitħalla

barra jew lura, għandu jkompli jagħmel il-kuraġġ u jixpruna l-investiment lokali u barrani fl-ekonomija tagħna sabiex noħolqu x-xogħol għal dawk kollha li jixtiequ jaħdmu. **Xogħol tajjeb u ta' kwalita'**. Xogħol li ma jkunx prekarju u li jagħti dinjita u sodisfazzjon lil min ikun qiegħed jagħmlu.

Għal dan il-għan irridu nassiguraw li l-ħaddiema tagħna jkunu ppreparati tajjeb għad-dinja tax-xogħol. Irridu nassiguraw u nenfasizzaw **it-taħriġ għal matul il-ħajja**. Irridu naraw illi dawk li jitilfu l-impjieg isibu l-għajnuna u l-mezzi kollha neċessarji sabiex jerġgħu jintegraw ruħhom malajr fid-dinja tax-xogħol. Irridu naraw li **aktar nisa jkomplu jaħdmu u jerġgħu jirritornaw għax-xogħol** wara li jkunu ħadu ħsieb il-ħtiġijiet tal-familja tagħhom.

**Is-Servizz Pubbliku**

Is-Servizz Pubbliku huwa s-sinsla u l-makna li, ta' kuljum, irid imexxi u jixpruna l-pajjiż 'l quddiem bit-twettieq tal-istrateġiji u l-politika tal-Gvern. Is-settur pubbliku qiegħed hemm sabiex jgħin fit-tmexxija, sabiex iservi u jgħin lill-poplu jwettaq it-tamiet u jilħaq l-aspirazzjonijiet tiegħu għal ħajja aħjar. Għaldaqstant, il-Gvern ma jistax ma jagħtix l-akbar importanza lis-servizz pubbliku u l-ħidma tiegħu.

Ma nistgħux nwettqu dak li nixtiequ għal pajjiżna u l-poplu tagħna, jekk ma jkollniex servizz pubbliku li qiegħed jaħdem tajjeb. Ma nistgħux nilħqu l-għanijiet tagħna, jekk is-servizz pubbliku tagħna ma jkunx qiegħed attent u viġilanti għall-iżviluppi ekonomici u socjali li jkunu qegħdin iseħħu kemm f'pajjiżna kif ukoll barra. Għalhekk se ninsistu fuq **settur pubbliku dinamiku**, għaqli, attent u li jirrispondi malajr u b'effiċjenza, għall-isfidi kurrenti u futuri. Ser nisħqu dwar il-ħtieġa li jkollna settur pubbliku effiċjenti, effettiv u li jagħti valur għoli għall-flus minfuqa. Għaldaqstant, hemm bżonn illi d-dipartimenti u l-entitajiet tal-Gvern:

- jifhmu li huma qegħdin hemm għas-servizz tal-poplu u l-komunita' tan-negozju f'pajjiżna;

- jifhmu li huma qegħdin hemm sabiex jgħinu lill-pajjiż jaħdem aħjar u b'mod aktar effettiv;

- ikunu aktar ċari dwar l-għanijiet tal-eżistenza tagħhom u dwar dak li għandhom jagħtu lura lill-pajjiż li nvesta fihom;

- jipproponu nefqiet li għandhom jissarrfu f'riżultati ċari u pożittivi għall-poplu tagħna u l-komunita' tan-negozju f'pajjiżna;

- jitfgħu aktar piż fuq il-ħtieġa li l-pajjiż jieħu lura l-valur għall-flus minfuqa fil-ħidma tagħhom.

Fuq kollox se nisħqu fuq il-bżonn li jkollna amministrazzjoni pubblika effiċjenti, transparenti u li tirrispondi għall-ħtiġijiet tal-poplu tagħna u tal-pajjiż b'mod malajr u fil-ħin. Hawnhekk irrd nagħmilha ċara. Il-burokrazija żejda u d-dewmien m'hemmx lokhom f'ekonomija moderna u li trid tikkompeti fis-swieq internazzjonali.

Għalhekk se naraw li **l-proċeduri amministrattivi** jiġu ssimplifikati. Se naraw li nnaqqsu kemm nifilħu mill-proċeduri burokratiċi li għandna. Se nħarsu lejn il-liġijiet tan-negozju tagħna sabiex inneħħu dawk li m'għandhomx użu u sempliċiment huma ta' piż żejjed fuq l-intrapriżi tagħna. Se naraw kif inħaddmu l-prinċipju ta' "*one in, one out*" fejn jidħlu liġijiet ġodda għan-negozji sabiex għal kull liġi ġdida li tiddaħħal, titneħħa oħra li jkun għadda żmienha. Se nintroduċu l-kunċett tas-'*sunset clause'* sabiex ċerti liġijiet ma jibqgħux fis-seħħ wara ċerti dati stabbiliti, sakemm ma jkunx leġiżlat mod ieħor.

B'hekk tiġi evitata l-burokrazija żejda u l-ispejjeż li din iġġib magħha. Se naraw kif indaħħlu l-kunċett ta' permess wieħed biss li jingħata fi żmien

stipulat, u li jinħareġ minn **awtorita' waħda**, sabiex negozju jibda jaħdem f'pajjiżna.

Se nagħmlu dan kollu u aktar sabiex innaqqsu t-toqol, nneħħu kull xkiel għall-ħidma tan-negozju f'pajjiżna u nnaqqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni kemm jista' jkun.

**Għeluq**

Mr Speaker,

Għal raġunijiet li jafhom kullħadd, il-baġit għal din is-sena qiegħed jitressaq għall-approvazzjoni ta' din il-Kamra mill-Gvern Ġdid għalkemm mhux imfassal minnu. In-natura ta' dan il-Baġit hi tali li tista' tiddiżappunta lil ħafna li stennew miżuri ġodda. Iżda lkoll irridu nifhmu li l-għan biss ta' dan il-Baġit hu li jsir eżerċizzju biex naraw fejn aħna, biex nieħdu stampa tal-qagħda finanzjarja ta' pajjiżna, naġġornawha, u napprovaw mill-iktar fis dawk il-miżuri li ilhom imwiegħda mis-sena l-oħra u li messhom ġew fis-seħħ mill-ewwel dan din is-sena. Bħalma ngħidu; aħjar tard milli qatt.

Baġit Ġdid minn Gvern Ġdid jiġi ppreżentat f'Novembru li ġej u x-xogħol fuqu beda mill-ewwel ġurnata li ħadna l-kariga tagħna.

Iżda dan il-Baġit straordinarju fl-istess ħin qiegħed jagħtina l-opportunita' li nħarsu lejn numru ta'prinċipji li jirrigwardjaw it-titjib fil-finanzi pubbliċi li huma aċċettati mid-dinja moderna tal-lum u li l-Gvern Ġdid mhux biss ser iħaddanhom, imma jwettaqhom. Baġit li qed jagħtina l-opportunita' li ngħaddu messaġġi lill-poplu tagħna daqshekk kmieni wara l-ftuħ tal-Parlament.

L-ewwel, irridu ngħaddu messaġġ dwar il-bżonn ta' stabbilita'. Stabbilita' ekonomika u finanzjarja li fuqha rridu nkomplu nibnu l-futur ta' pajjiżna. Futur sabiħ li għandu jqanqal l-aspirazzjonijiet għal livell ta' ħajja aħjar għall-familji tagħna.

It-tieni, irridu ngħaddu messaġġ ta' tama u ta' kuraġġ lill-poplu tagħna. Aħna, lkoll flimkien, gvern wara l-ieħor, tajna sehem sabiex bnejna pajjiż suċċess. Pajjiż ċkejken li minn kolonja għamilniħ nazzjon kburi. Pajjiż żgħir li neħħejnielu d-dipendenza għall-għixien tiegħu minn bażi militari barranija u bnejnielu ekonomija soda u diversifikata. Pajjiż żgħir li tejjeb il-livell tal-għixien tal-poplu tiegħu bid-dehen ta' min mexxih u bil-ħidma kbira u determinata tal-poplu kollu.

Flimkien bnejna pajjiż suċċess. Flimkien se nkomplu naħdmu u nibnu lil dan pajjiżna. Flimkien, b'kuraġġ u b'fiduċja se nkomplu nħarsu 'l quddiem. Se nkomplu naħdmu sabiex ngħelbu l-isfidi li għandna quddiemna u nilħqu l-għanijiet tagħna. Flimkien se nkomplu nsaħħu l-ekonomija tagħna u noħolqu x-xoghol. Flimkien se nkomplu noħolqu pajjiż aktar ħanin u nklussiv fejn ħadd ma jħossu barrani.

Flimkien se nkomplu naħdmu sabiex nagħmlu minn Malta pajjiż aktar modern, aktar sabiħ u aktar b'saħħtu. Malta pajjiż tagħna lkoll.